# PJAZZA KASTILJA

PAWLU ZAMMIT







F'dawn l-erba' ġimgħat li ġejjin se naraw Pjazza Kastilja, fi żminijiet differenti, u se nitkellmu fuq il-bini li jidher fir-ritratti.

Fortunatament, dan il-bini li se naraw ħelisha mill-bombi ta' żmien il-gwerra, fejn nafu li ħafna bini sabiħ u storiku li kien hawn f'din il-Belt safa mġarraf u tlifnieh darba għal dejjem.

Nistgħu nsemmu kapulavur ftit passi 'l bogħod minn din il-pjazza, qed nirreferi għat-Teatru Rjal, li għadu mġarraf sal-lum.

F'dan ir-ritratt li ġibt il-lum, qed naraw xi okkażjoni speċjali, għaliex kif jidher, ħadu sehem aktar minn banda waħda, jekk jiena korrett.

Għalkemm staqsejt ħafna nies midħla tal-każini tal-banda, fejn anke mort fi tnejn tal-Belt La Vallette u l-King's Own (għax issopponejt li din l-okkażjoni kienet organizzata minnhom), ħadd ma qalli x'kienet l-okkażjoni.

Napprezza ħafna jekk min jaf jagħtini xi tagħrif. Jista' jċempilli waranofsinhar id-dar fuq in-numru tat-telefown 21826368.